MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2007

Mandat Numru. 1639/2007/1

Anthony Attard (579445), Anthony Attard (224645), Armando Chircop (414547M) u Anthony Spiteri (10748M)
vs
Unjoni Haddiema Maghquda u b'digriet tal-14 ta' Novembru 2007 giet korretta ghal Unjoni Haddiema Maghqudin, Malta Maritime Authority u l-Onorevoli Prim Ministru

Il-Qorti,

Rat ir-rikors fejn ir-rikorrenti talbu li l-intimati jinzammu milli jikkonkludu kwalunkwe ftehim li jorbot ukoll lir-rikorrenti. Illi r-rikorrenti huma wkoll licenzjati bhala haddiema tal-port u jaqilghu l-ghixien taghhom bl-uzu tal-licenzja fuq imsemmija. Illi gie a konjizzjoni taghhom li l-intimati sejrin jikkonkludu ftehim kollettiv bejn is-Sibt 3 ta' Novembru 2007 u l-Hadd 4 ta' Novembru 2007 jew data ohra imminenti li jinkludi l-kundizzjoni li l-foremen licenjati jitilfu l-licenzja malli jilhqu l-eta` ta' 61 sena. Illi fosthom hemm 2 li diga lahqu din l-eta` u komplew jaghmlu dan ix-

xoghol u fil-fatt wara li lahqu din l-eta` kif ukoll 62 sena il-licenzja baqghet imgedda; filwaqt li t-tnejn l-ohra ser jaghlqu l-eta` ta’ 61 fix-xhur li gejjin. Illi fil-licenzja fuq imsemmija ma hemm ebda kundizzjoni li tali licenzja tista’ tigi rtirata mal-eta` ta’ 61. Illi b’rizultat ta’ dan il-ftehim ir-rikorrenti ser isofru danni kbar peress li ser ikollhom telf komplut ta’ xoghol u introjtu. L-ghixien tar-rikorrenti u l-kwalita` tal-hajja tad-dipendenti taghhom jiddependi esklussivament fuq ix-xoghol li huma jaghmlu bis-sahha tal-licenzja fuq imsemmija u li ma kellhom ebda ineteress li jieqfu mix-xoghol u li jekk jitwaqqfu jsifru tbatija kemm huma kif ukoll il-familji taghhom.

Rat ir-risposti li permezz taghhom opponew ghal din it-talba.

Rat l-artikoli tal-ligi u senjatament l-art 829 et tal-Kap 12, l-artikoli 829 sa 838A dwar id Disposizzjonijiet Generali, u 873 sa 877 dwar il-Mandat ta’ Inibizzjoni.

L-iskop ta’ mandat kawtelatorju huwa li kull persuna tista’, minghajr ma hu mehtieg li jkun hemm decizjoni, tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet taghha bil-mezz ta’wiehed jew izjed mill-atti kawtelatorji. Fir-rikors ghandhom jigu dikjarati bil-gurament l-origini u x-xorta tal-kreditu jew pretensjoni li wiehed ikun irid iqieghed fiz-zgur. Meta jipprezenta dak ir-rikors, ir-rikorrent ghandu jsemmi l-lok li fih l-avviz ta’ l-ezekuzzjoni tal-mandat ghandu jsir. L-artikolu 836 jelenka r-ragunijiet r-ragunijiet ghar-revoka ta’ mandat kawtelatorju. Permezz tal-artikolu 838 id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 280 dwar il-hin ta’ l-ezekuzzjoni jghoddu ghall-mandati kawtelatorji. Kull mandat kawtelatorju ghandu jibqa` fis-sehh sakemm il-kawza tigi maqtugha b’mod konkluziv, jew ma jigix imhassar mill-Qorti jew irtirat mill-parti li tohrog il-mandat.

L-artikolu 873 tal-Kap 12 jsemmi li l-iskop tal-mandat ta’ inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista’ tkun ta’ preudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat. Il-mandat irid:

a) ikun mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u

b) li dak ir-rikorrent ***prima facie*** jidher li ghandu dawkil-jeddijiet.
Il-Qorti hi tal-fehma li l-interpretazzjoni tajba tal-artikolu 873 hija li sabiex jinhareg Mandat ta’ Inibizzjoni jridu jigu sodisfatti l-elementi kollha rikjesti u cioe’ is-subincizi (1) (2) [imsemmija hawn fuq taht a) u b)] u fejn applikabbli is-subinciz (3) – Ara PA – CFS – **Dr Michelle Tabone et vs Verdala Mansions Limited** Inib 989/07FS.

Ir-rikors ghandu jigi notifikat lill-parti opposta li ghandha tipprezenta risposta fi zmien ghaxart ijiem liema terminu jista’ rigi ridott mill-Qorti f’kazijiet urgenti. Il-Qorti tista’ ghall-ewwel tohrog provizorjament mandat ghal zmien qasir taht dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jidhrilha
li jkun jehtieg skond il-kaz u sussegwentement tipprovdi definittivament. Fin-nuqqas ta’ oppozizzjoni, il-qorti tista’ tilqa’ t-talba.

Wara l-emenda bl-Att XIV 2006.102 il-qorti ghandha, wara li tappunta ghas-smigh, tiddeciedi dan ir-rikors fl-iqsar zmien possibbli izda mhux aktar tard minn xahar mill-gurnata li gie prezentat u mahluf il-mandat.

Fid-digriet ta’ din il-Qorti PA – ta’ din il-Qorti kif presjeduta tat-3 ta’ Marzu, 2005 fl-ismijiet **Dragonara Casino Limited vs Dragonara Resort Limited** inghad:

“Minn dawn jirrizulta li **<u>l-iskop</u>** ta’ mandat ta’ inibizzjoni hu dak li:
a) jzomm persuna milli tibda jew tissokta tibni bini jew xoghol iehor ikun li jkun
b) jzomm persuna milli thott jew taghmel tibdil f’bini jew f’xoghol iehor
c) jzomm persuna milli tidhol f’fond jew lok
d) jzomm persuna taghmel xi haga tkun li tkun li tista’ tkun ta’ hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat.

Dwar dak li nsibu taht (d) dwar il-kliem **tkun ta’ hsara** fil-kawza **Angelo Xuereb et noe vs Marin Hili et noe** inghad li **“**ghandha tinghata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jigi inibit, jekk ma jigix inibit, jista’ jkun ta’ pregudizzju fis-sens, li mhux biss jikkawza hsara pero` li

jikkawza hsara li m'hemmx alternattiva ghalih almenu fil-mori tal-kawza jew li l-alternattiva hija sproporzjonata…" Ara wkoll **Victor Mizzi vs Joseph Gasan et** rikors 4216/92 Imh J D Camilleri, u **Avv Dr Victor Borg Grech vs Joseph Gasan et** rikors 3984/92 Imh Albert Manche`.

**<u>Ir-rekwisiti</u>** essenzjali biex il-Qorti tordna l-Mandat ta' Inibizzjoni huma li:

I. Il-qorti m'ghandhiex tohrog mandat bhal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent [DANNI IRRIMEDJABBLI LI JINNECESSITA RIMEDJU ADEGWABBLI]

II. Il-Qorti trid tkun sodisfatta li dak IR-RIKORRENT ***PRIMA FACIE*** JIDHER LI GHANDU DAWK IL-JEDDIJIET.

Minn dan jidher li l-procedura bil-mandat ta' inibizzjoni hija wahda ta' natura eccezzjonali. Fil-kawza fl-ismijet **Giacomo Galea vs Pio Bezzina** deciza mill-Qorti tal-Appell Superjuri fil-5 ta' Awissu 1954 intqal:

"Illi, fil-kliem tal-ligi, "l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli tibda jew tissokta tibni bini jew xoghol iehor, inkella milli thott jew taghmel tibdil f' bini jew f' xoghol iehor, jew li jzomm persuna milli tidhol f' fond jew lok, jew li taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat"; u "l-Qorti ma ghandhiex tohrog dan il-mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dan il-mandat hu mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dan ir-rikorrent "prima facie" jidher li ghandu dan id-dritt" (art. 876 Kod. Proc. Civ.);

Illi ghalhekk tlieta huma l-elementi li ghandhom jikkonkorru biex ikun jista' jigi spedit il-mandat in kwistjoni; jigifieri, l-ewwel, ir-rikorrenza ta' wiehed mill-fatti fuq enumerati enuncjati fil-ligi, fil-kaz prezenti, li l-intimat, jigifieri l-appellant, qieghed jaghmel xi haga li tista' tkun tkun ta' hsara jew molestja lir-rikorrent, jigifieri lill-appellat; imbaghad, li jkun jidher *"prima facie"* li r-rikorrent ghandu d-dritt li jimpedixxi lill-appelant li jaghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew jidher "prima facie" li r-rikrorent ghandu

d-dritt li jimpedixxi lill-appellant li jaghmel dik il-haga li biha jista' jarrekalu hsara jew molestja; u fl-ahharnett, li l-mandat ikun necessarju biex jigi konservat dak id-dritt tar-rikorrent. Dawn huma t-tliet indaginijiet li l-Qorti ghandha taghmel f'din il-kawza, u ma ghandhiex tmur aktar 'l hemm u tiddeciedi f' din il-kawza, tar-rikorrent; altrimenti tkun qieghdha taghmel f'din il-kawza, u ma ghandhiex tmur aktar 'l hemm u tiddeciedi fuq id-dritt tar-rikorent; altrimenti tkun qieghda tiddeciedi l-meritu tal-kawza li ghaliha jirreferixxi l-mandat; liema meritu mhux quddiem din il-Qorti;"

DANNI IRRIMEDJABBLI LI JINNECESSITA RIMEDJU ADEGWABBLI
L-interpretazzjoni ta' dak imsemmi taht dan l-aspett [I bhala rekwizit] hi li mhux bizzejjed li rikorrent juri li ser isofri xi pregudizzji, izda wkoll li tali pregudizzju jrid ikun irriparabbli; ghax il-Qorti ma tohrogx il-mandat ta' inibizzjoni meta jkun hemm rimedju adegwat ghar-rikorrent. Irid ikun kif jghid it-test bl-ingliz "necessary".

Naturalment, salv dak li jinghad taht is-sub-artikolu 5, il-pregudizzju ma jridx ikun wiehed ta' natura finanzjarja ghax bhala tali dan hu rimedjabbli purche' jkun hemm l-assi ghalih.

IR-RIKORRENT ***PRIMA FACIE*** JIDHER LI GHANDU DAWK IL-JEDDIJIET
Biex tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa necessarju li r-rikorrenti jissodisfa lill-Qorti li ***prima facie*** ghandu dawk il-jeddijiet u dana dejjem f' livell ta' "***prima facie***" minhabba li l-kwistjoni tigi ezaminata dettaljatament fil-kors ta' kawza istitwita ***ah hoc*** fejn tigi deciza b' mod definittiv. Ghalhekk ikun jinkombi fuq il-Qorti li taghti pronunzjament definittiv fi proceduri li necessarjament iridu jsegwu dawk odjerni. Infatti mandati kawtelatorji huma dipendenti u ancillari fuq l-istituzzjoni ta' azzjoni entru terminu perentorju."

Fil-kaz in ezami tirrizulta r-rikorrenza ta' wiehed mill-fatti fuq enumerati enuncjati fil-ligi, fil-kaz prezenti, li l-intimati

qeghedin jaghmlu xi haga li tista' tkun tkun ta' hsara jew molestja lir-rikorrenti.

Jidher ukoll li l-mandat hu necessarju biex jigi konservat dak id-dritt allegat mir-rikorrenti.

Il-Qorti trid issa tara jekk jidhirx *"**prima facie**"* li r-rikorrenti ghandhom d-dritt li jimpedixxu lill-intimati li jaghmlu dak imsemmi u cioe` xi haga li tista' tkun ta' hsara jew jidher "***prima facie***" li r-rikorrenti ghandhom id-dritt li jimpedixxi lill-intimati li jaghmlu dik il-haga li biha jista' jarrekalhom hsara jew molestja.

Dawn huma t-tliet indaginijiet li l-Qorti ghandha taghmel f'dawn il-proceduri, u ma ghandhiex tmur aktar 'l hemm milli tiddeciedi fuq id-dritt tar-rikorrenti; altrimenti tkun qieghda tiddeciedi l-meritu tal-kawza li eventwalment tista' tigi intavolata.

Ir-rikorrenti huma haddiema licenzjati bhala ***foremen*** skond il-Kap 171 tal-Ligijiet ta' Malta [L-Ordinanza dwar il-Haddiema tal-Port]. Huma nies ***self employed*** [u dan jirrizulta wkoll mill-FOREMEN PROPOSAL a fol 37 Dok AD6] u jhallsu l-kontribuzzjoni tan-***National Insurance*** relattiva. L-imsemmi Proposal jghid specifikament dan il-kliem:

"<u>Practice</u>

1. Foremen are self employed persons and pay the relative NI Contribution – this is in contrast with port workers who are considered as emplyed persons.

2. Each terminal operator/ship agent contracts the foreman of his choice…

6. Foremen do not work as one homogeneous group and they do not divide income between them, once again in contrast to port workers

Xogholhom jikkonsisti f'illi jorganizzaw il-haddiema tal-port. Illum il-gurnata l-licenzja hija mahruga mill-Awtorita` Marittima waqt li qabel kienet tohrog mid-Direttur tax-Xoghol u Emigrazzjoni. Parti mir-riforma proposta hija dik li kawza li x-xoghol naqas konsiderevolment minhabba kambjament fit-tip ta' xoghol hi li l-licenzja ghal dawk li

jaghlqu 61 sena tigi irtirata [withdrawn]. L-awtoritajiet iridu jdahhlu skema fejn biha jkun hemm cessjoni voluntarja tal-licenzja. Hemm l-ideja li ma jinhargux licenzji godda. Hemm anke l-proposta li t-tariffa tigi diskussa bejn il-***foreman*** u l-partijiet l-ohra. Ghalhekk il-proposta hija wahda ghal kollox gdida fejn jitnaqqsu parti li jaghalqu l-61, parti li jirrinunzjaw voluntarjament. Hemm possibilta` ta' impieg ta' ***terminal operators*** godda.

Huma jissupervizjonaw lill-haddiema tal-port waqt il-hatt u t-tghabija ta' merkanzija minn fuq bastimenti merkantili. Huma responsabbli ghat-tqassim tax-xoghol u anke jiehdu hsieb kwistjonijiet ta' sahha u sigurta` tal-haddiema. Iridu jigbru l-hlasijiet dovuti lill-haddiema tax-Xatt. Irrizulta li hemm 29 ***foremen*** licenzjati u li l-maggoranza (21) huma rappresentati mill-Union Haddiema Maqghudin. L-intimati jsostnu li din l-Union ghalhekk kella kull dritt li tinnegozja mal-Gvern u ma' l-Awtorita` Marittima ta' Malta dwar il-kundizzjonijiet tax-xoghol ta' dawn. Fost il-kundizzjonijiet li kien hemm diskussjoni fuqhom jidher li l-Union u l-Gvern kienu qedghin jaqblu li l-licenzja ma kenitx ser tiggedded meta l-licenzjatarju kien jilhaq l-eta` ta' wiehed u sittin. L-intimati sostnew li dan kien riaffermar tal-A.L. 33 tal-1974. Skond il-Kap 171 Artikolu 5 ebda persuna ma ghandha tagixxi bhala ***foreman*** jekk ma jkollhiex licenzja ghal hekk mid-direttur ezekuttiv responsabbli ghall-portijiet mahtur taht l-artikolu 8 dwar l-Att dwar l-Awtorita` Marittima. Il-licenzji jiskadu fil-31 ta' Dicembru ta' kull sena ghalkemm jistghu jiggeddu minn sena ghal sena. Ghalhekk tezisti l-possibilta` li l-licenzja ma tiggeddidx jekk ikun hemm raguni valida.

Ir-rikorrenti sostnew li huma jridu jkomplu jahdmu u li qatt ma nkarigaw lil hadd fin-negozjati biex jitwaqqfilhom xogholhom. Dawn il-***foremen*** ghandhom klijenti taghhom. Irrizulta li l-Awtoritajiet riedu jaghmlu riforma u parti minn din hija li jonqsu n-numru ta' ***foremen*** billi n-numru jinzel minn 29 ghal 13. Irrizulta li jekk jigi implimentat il-ftehim parti ser jispiccaw bil-61, parti ser jaghzlu li jispiccaw volontarjament u jiehdu somma minghand il-Gvern, u parti ser jibqghu hemm u jizdiedilhom ix-xoghol.

Jigi rilevat li ma irrizultatx xi ***misuse*** tal-licenzja da parti tar-rikorrenti. Fil-kawza **Pudas vs Sweden** [12/1986/110/158] tal-***European Court of Human Rights*** fl-24 ta' Settembru 1987fil-paragrafu 21 semmiet li:
"A licence must be revoked if it has been misused in such a way that the holder can no longer be deemed suitable to provide the service, though in less serious cases a warning may be issued; it must also be revoked if the service is not maintained…"

**KONKLUZJONI:**
Ghalhekk irrizulta car li r-rikorrenti mhux impjegati izda ***self employed***. Ix-xoghol tal-***foreman*** huwa totalment differenti minn dak tal-haddiem tal-port. Ghalkemm hemm principju li hafna mill-impjegati jispiccaw mix-xoghol taghhom mal-61 ma hemmx tali prassi ghas-***self employed*** li jilhqu din l-eta`. Hawn ma japplikax il-principju ta' irtirar minhabba l-eta` bhal fil-kazijiet fejn hemm l-hrug ta' licenzja bhal fil-kaz ta' Perit, Avukat, negozjant b'licenzja ta' hanut.

Dak li qieghed jigi propost huwa ftehim totalment gdid u mhux modifika zghira li ghalkemm forsi konsiljabbli hija manuvra li ser tghin x'uhud bi pregudizzju ghall-ohrajn u certament diskriminatorja favur xi whud. Kuntrarjament ghal dak li sostniet il-Union dak propost mhux semplici diffikolta`, disagju jew thassib [fol 71 l-ahhar paragrafu].

La huma ***self employed*** ghaliex l-awtoritajiet ma hadux il-linja li jibqa' jitqabbad min ikun kapaci? Ghaliex x'uhud sejrin jibbenifikaw mis-somma w ohrajn le? U aktar u aktar ghaliex din il-Qorti ma ghandiex thoss li r-rikorrenti ma ghandhomx dritt ***prima facie*** ghat-talba taghhom? Ma giex ippruvat li dawn mhux qedghin jaghmlu xogholhom tajjeb jew li ghamlu xi haga hazina.

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talba tar-rikorrenti b'mod definittiv.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------